Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru. 233/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Bartolo**
**Spettur Pierre Grech)**

**Versus**

**Peter Paul Galea**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Peter Paul Galea ta' 32 sena, iben Joseph u Dolores nee Muscat, imwieled il-Hamrun nhar id-29 ta' Ġunju, 1973 u residentit 47 Falt 2, Triq San Tumas, Hamrun detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 300273 M)

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-30 ta' Novemrbu 2005 u matul it-tmien xhur ta' qabel dina d-data

(a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta’ persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni d-droga u ma kien fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(c) U aktar talli sar reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta b’sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija nhar il-5 ta’ Settembru 2002 mill-Maġistrat Dr M Hayman LL.D., ta’ nhar is-27 t’ Jannar 2004 mogħtija mill-Maġistrat Dr.G.Grixti LL.D. u b’sentenza oħra mogħtija wkoll fis-27 ta’ Jananr 2004 mill-

Maġistrat Dr.G Grixti LL.D. liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;
(d) U aktar talli kiser kundizzjoni mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-1 ta' Frar 2005 mill-Maġistart Dott J Apap Bologna LL.D. liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex jekk l-imputat jinstab ħati jkun applikat l-artikolu 533 tal-Kap 9;

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 3002 tas-sena 1973, il-fedina penali tal-imputat, l-ordni tal-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Mejju 2006, il-proċes verbal intitolat ' Stqarrijiet konfermati b'ġurament minn Yousef M.El Kayat u minn Peter Paul Galea fit-2 ta' Diċembru 2005', u s-sentenzi mogħtija fil-konfront tal-imputat (fol 15 et).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Fit-30 ta' Novembru 2005 il-Pulizija ċċekkjaw karozza tat-tip Hyundai Accent f'Belt il-Ħażna fejn kien hemm l-imputat u ċertu Yousef El Kayad. Il-Pulizija sabet siringa li kienet taħt it-tapit fil-viċinanzi ta' handbag. L-istqarrijiet taż-żewġ persuni kienu konfermati quddiem il-Maġistrat tal-Għassa. [1]

Fl-ewwel stqarrija tiegħu l-imputat qal li l-aħħar li kien ħa l-heroina kien il-jum ta' qabel l-istqarrija u kien ilu jeħodha tliet snin. Huwa qal li kien Youssef El Kayad li mar jxitri l-ħeroina. Aktar 'l isfel fl-istqarrija l-imputat qal li kien ra lis-supplier tal-heroina qabel, kien kellmu u kien qal lil

[1] Ara wkoll ix-xhieda ta' PC 99 Mario Portelli a fol 54 et, x-xhieda ta' Simon Mifsud a fol 59 et u xx-hieda tas-Supretendent Carmelo Bartolo a fol 67 et.

Yousef li dan ir-raġel ried ikellmu sabiex jagħti d-droga lil Yousef. Wara Yousef faqqa' l-heroina f'idu.

Fit-tieni stqarrija l-imputat qal li Yousef kien jagħtih il-flus biex jixtri d-droga, kien imur biex jixtri u ma jagħtuhx għax ma kinux jafdawh. Kien ilu jagħmel hekk għl madwar tliet xhur. Huwa kkonferma li fil-jum ta' qabel tassew kien niżel mill-karozza biex jara minn fejn Yousef seta' jixtri d-droga.

Xehed **Yousef Mohamed El Kayad** (fol 24) li kien irrilaxxja stqarrija ġuramentata wkoll. Huwa xehed li fil-jum in kwistjoni keinu marru l-Belt sabeix jixtru pakkett tat-1 Heroina.. Kien niżel l-imputat mill-karozza u mbagħad l-imputat mar jgħid lix-xhud biex imur hu. Qabel dak il-jum ix-xhud kien jagħti l-flus lill-imputat u dan kien iġib l-heroina. Din il-biċċa kienet ilha sejra xi tliet xhur.

Fil-kontro-eżami, ix-xhud qal li d-droga kienu jużawha t-tnejn u għaliha kienu joħroġu l-flus flimkien. L-imputat kien iġibha d-droga iżda f'dak il-jum kien ġabha x-xhud stess. Ix-xhud qatt am kien mar jxitri d-droga waħdu. (Ara wkoll fol 32: Jiena nagħtih il-flus u jmur iġibha l-imputat). Imbagħad id-droga kien jaqsmuha. (fol 32). Il-flus ġieli kien joħroġhom l-imputat. L-imputat kien qallu li jekk 'irid xi ħaġa' (heroina) (fol 36) jgħidlu (fol 35). Imbagħad beda jmur iġib d-droga hu (l-imputat) (fol 35). L-ewwel darba l-imputat kien qal lix-xhud li hu (l-imputat) kellu pakkett u staqsieh riedx imur jieħdu. Qabel dan qatt ma kien ħa droga. L-ewwel darba kien ħadha bis-siringa. L-imputat kien waddabhielu u x-xhud kein faqqagħha. L-imputat kien isajjarha. Id-droga qatt ma kien ġabha x-xhuid. (fol 46 u 47).

L-Ispettur Mario Bonello ikkonferma l-identita' tal-imputat fis-sentenza a fol 20 tal-Proċess 'Il-Pulizija (Spettur Mario Bonello vs Peter Paul Galea)'.

**Xhieda Difiża**

Xehed l-imputat li qal li lil Yousef Mohamed El Kayad (fol 73) kien jafu għax kien ġar. Yousef Mohamed El Kayad kien staqsieh biex imorru jġibu pakkett. Iżda l-imputat ma riedx jixtri mill-Belt għax kienu jgħajruh 'ġakbin tal-pulizija'. Imbagħad Yousef kien mar u xtara pakkett smack tat-10 mill-Belt. Marru l-Bombi biex jeħduha u ssorprendewhom il-Pulizija. L-imputat kien minn għalih li sejrin iħallsu l-pagament tal-karozza iżda kien jaf li Yousef Mohamed El Kayad kien jieħu d-droga. Fid-dar ma l-Pulziija ma sabux siringi.

Fil-kontro-eżami l-imputat qal li d-droga kollha kien ġabha Yousef Mohamed El Kayad. (Fol 76).

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Il-Qorti fliet sew dak li qal bil-ġurament l-imputat kif ukoll dak li qal fl-istqarrijiet ġuramentati tiegħu stess. A fol 9 tal-proċes verbal, fl-istqarrija tieħgu l-imputat kien qal:

'D: Tant kemm qed tigdeb li inti nżilt mill-karozza ma kellekx flus u bla sens li mort tixtri d-droga mingħajr flus. Filfatt ngħid sew li filfatt lid an ir-raġel inti sibtu u kellimtu?

T: Iva, għandek raġun, għax filfatt jeina kont rajtu qabel lil dak ir-raġel u għidtlu li jriud Yousef. Dak ir-raġel qalli beix jiena mmur 'l hemm u jekk irid imur Yousef ikellmu u jixtri d-droga mingħandu. Jiena mort għidt lil Yousef u mar hu jkellmu lil dak ir-raġel. Yousef ġie lura kif diġa' spjegajtlek u tlaqna 'l hemm jeina u Yousef bil-karozza tiegħu lejn il-Blata l-Bajda.'

U fit-tieni stqarrija tiegħu:

'Iva, sewwa qed tgħid, għax il-bieraħ veru nżilt mill-karozza beix nra minn fejn Yousef seta' jixtri d-droga.'

Minn dan il-kliem tal-imputa kif ġuramentat quddiem il-Maġistrat tal-Għassa, jirriżulta ċar li fid-data msemmija l-imputat għamel il-kuntatt hu personalment mas-supplier

ta-droga u b'hekk ġie awtomatikament ta informazzjoni minn fejn Yousef Mohamed El Kayad seta' jġib id-droga.

Skond id-definizzjoni ta' 'traffikar' mogħtija fl-artikolu 22(1B), li tagħti informazzjoni minn fejn wieħed iġib id-droga jammonta wkoll għal traffikar. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) tal-anqas fi tliet sentenzi mogħtija dan l-aħaħr sena u nofs ikkonfermat dan fis-sentenzi mogħtija.

Iżda l-Qorti semgħet u rat lil Yousef Mohamed El Kayad jixhed. Apparti x-xheida ġuramentata lit a quddiem il-Maġistrat tal-Għassa, li hija ammissibbli bħala prova skond l-artikolu 30A tal-Kap 101, dan ix-xhud xehed kif kien l-imputat li kien qabbdu dan il-vizzju fil-parametri taż-żmein indikati fiċ-ċitazzjoni u għal aktar minn darba qal li kien l-imputat li kien iġib id-droga.

L-imputat ipprova jgħid li l-istorja kienet bil-maqlub. Iżda l-Qorti ma ssibx il-verżjoni tal-imputat bħala waħda attendibbli għax lanqas ma taqbel mal-verżjoni li ta huwa stess lill-Pulizija, liema verżjoni kienet ġuramentata wkoll. Barra dan il-Qorti setgħet tiżen jekk l-imputat kienx qed jgħid il-verita' jew le meta xehed quddiemha. Il-komportament tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda ma kien konvinċenti xejn.

Min-naħa l-oħra Yousef Mohamed El Kayad kien ċar kemm fid-domandi magħmula mill-Prosekuzzjoni kif ukoll fid-domandi magħmula in kontro-eżami.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li l-imputat tassew forna d-droga heroina lil Yousef Mohamed El Kayad diversi drabi bejn it-30 ta' Novembru 2005 u tat-tmien xhur ta' qabel.il-perjodu indikat fiċ-ċitazzjoni.

Id-difiża ssottomettiet li għal fini ta' piena, dan kien każ ta' 'sharing'

Il-Qorti qed tirreferi għal dak li jipprovdi is-subartikolu (9) tal-artikolu 22 tal-Kap 101 tal-Liġijet ta' Malta fejn jingħad espressament:

**“The provisions of articles 21 and 28A of the Criminal Code and the provisions of the Probation Act shall not be applicable in respect of any person convicted of an offence as is referred to in subarticle (2)(*a*)(i) or subarticle (2)(*b*)(i):**

**Provided that where, in respect of any offence mentioned in this subarticle, after considering all the circumstances of the case including the amount and nature of the drug involved, the character of the person concerned, the number and nature of any previous convictions, including convictions in respect of which an order was made under the Probation Act, the court is of the opinion that the offender intended to consume the drug on the spot with others, the court may decide not to apply the provisions of this subarticle”**.

Fl-Appelli Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Russell Bugeja u**
**Il-Pulizija v. Marco Galea**, it-tnejn deċiżi fil-5 ta’ Mejju 2008 dan il-proviso kien spjegatg hekk:

**“Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tiżen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel *proviso* (fosthom l-ammont**
**u x-xorta ta’ mediċina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tiġi, jew tkun ġiet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma’ ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem “flimkien” u “fl-istess**
**post” jissottolineaw l-element ta’ komunanza –**
**dak li aktar popolarment jissejjaħ “sharing” – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma’ haddiehor f’dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil**

**ħaddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jittraffika dik id-droga. Dak li l-leġislatur ried kien li meta jkollok każijiet żgħar u iżolati ta' "sharing" – persuna jkollha d-droga għaliha u taqsamha ma' ħaddieħor – tkun tista' (izda mhux bilfors – għalhekk iridu jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ) tiġi evitata, għall-anqas għall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' priġunerija b'effett immedjat."**

Il-Qorti eżaminat il-fatti tal-każ odjern sabiex tara dawn jissodisfawx l-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

L-ewwelnett din il-Qorti  taqbel mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali u ma tara ebda raġuni għala m'għandiex timxi magħha.

It-tieni, ċ-ċirkostanzi tal-każ juru li li l-imputat kien jaf min hu s-sors li seta' jforni u forna lil Yousef Mohamed El Kayad mhux darba jew diversi drabi.  Dan ma kienx każ ta' darba jew ta' sharing (li mhux kunċett legali iżda biss popolari u bl-edba mod ma jbiddel id-definizzjoni ta' 'traffikar' fl-artikolu 22(1B) tal-Kap 101.  L-imputat kien jixtri regolarment fuq medda ta għall-anqas tliet xhur id-droga sabiex ikollu aċċess għaliha Yousef Mohammed El Kayad.  Il-proviso ma kienx intiż biex jintuża għal min jipprokura d-droga għal ħadd ieħor ukoll jekk wara dan il-ħadd ieħor joffri xi ftit mis-sustanza lil dak li jkun xtrahielu.

Għaldaqstant, il-Qorti qed teddeċiedi li waqt li qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, dan mhux il-każ li tapplika l-proviso.

**It-tieni Imputazzjoni**

L-imputat ammetta huwa stess fl-istqarrija tiegħu li kellu l-pussess tal-heroina.  Għaldaqstant din l-imputazzjoni kienet ippruvata.

## It-Tielet Imputazzjoni

Il-Prosekuzzjoni ppruvat din l-imputazzjoni għaliex ippreżentat għadd ta' sentenzi li fihom kienet imposta multa. Ma kinux għaddew 5 snin mid-data ta' meta ngħataw. Dawn kollha għandhom l-istess numru tal-karta tal-identita' li tidher fiċ-ċitazzjoni. L-Ispettur Mario Bonello ikkonferma s-sentenza a fol 20.

## Ir-Raba' Imputazzjoni

Din is-sentenza m'għandha x'taqsam xejn mal-Kap 446 u l-kundizzjoni imposta kienet li ma jkellemx lil ċerta persuna. Il-Qorti qed tillibera lill-imputat mir-raba' imputazzjoni.

## Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9, ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(1B) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9, l-artikolu 23 tal-Kap 446 qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni b'dan pero' li t-tieni imptuazzjoni qed titqies assorbita ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9, u qed tilliberah mir-raba' imputazzjoni. Dwar il-piena, il-Qorti wara li qieset il-fatti kollha tal-każ, qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta' priġunerija għal sitt xhur u għall-ħlas ta' multa ta' €468 liema multa tista' titħalals b'rati ta' 40 Ewro kull erba' ġimgħat bl-ewwel pagament isir fi żmien erba' ġimgħat mid-data ta' din is-sentenza. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f'daqqa. F'każ li xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel skond il-Liġi.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mad-droga li kienu ppreżentati taħt is-sorveljanza tar-Reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------